Incident Stradali

Multiplier

Disokkupat

Lucrum Cessans

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 25 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 31**
**Rikors Guramentat Numru : 836/2001/2/LSO**

**Joseph Zammit**

**vs**

**Joseph Bonello u Ronald Bonello u b'digriet tas-6 ta' Mejju 2002 gie kjamat fil-kawza Paul Mallia u b'digriet tal-21 ta' Gunju**

**2002 (*) ~~giet kjamata in kawza~~ "interveniet fil-kawza" s-socjeta` Citadel Insurance plc**

*(*) kliema kancellat + " ..." kliem mizjud, korrezzjoni awtorizzata b'digriet tat-3 ta' Mejju 2016*

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici ta' Joseph Zammit datata l-14 ta' Mejju 2001 fejn espona :-

Illi fis-26 ta' Dicembru 2000 fi Triq l-Imgiered, Luqa waqt li l-attur Joseph Zammit kien riekeb bhala passiggier fil-vettura Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni IAA-913 misjuqha minn Paul Mallia, huwa kien involut f'incident tat-traffiku, liema incident gara meta l-vettura Hyundai Excel bin-numru ta' registrazzjoni EAF-068 misjuqha mill-konvenut Joseph Bonello u proprjeta` ta' Ronald Bonello, minhabba traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tat-traffiku, baqghet diehla go hajt u sussegwentement habtet mal-karozza misjuqa minn Paul Mallia, bir-rizultat li l-vettura misjuqa minn Paul Mallia garbet hsarat kbar, u li l-attur Joseph Zammit korra serjament;

Illi b'konsegwenza ta' dan l-istess incident, li ghalih kien unikament responsabbli l-konvenut, l-attur sofra griehi gravi ta' natura serja li jwasslu ghal dizabbilita' permanenti (*vide* certifikat Dokument A rilaxxat mit-tabib Gordon Caruana Dingli MD FRCS) u li ghalhekk, u b'rizultat ta' dan l-incident huwa sofra danni attwali kif ukoll danni futuri 'lucrum cessans' kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-istess atturi u l-assikurazzjoni taghhom interpellati biex ihallsu d-danni sofferti mill-attur baqghu inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom kien unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li gara fis-26 ta' Dicembru 2000 fi Triq l-Imgiered Luqa u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur bhala rizultat ta' dan l-incident;

2. Tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Il-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu lill-attur dawk id-danni li jigu hekk likwidati kif fuq intqal flimkien ma' l-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Bonello u Renald Bonello datata 19 ta' Gunju 2001 a fol 15 tal-process fejn espona :

1. Illi preliminarjament ic-citazzjoni attrici hija nulla fil-konfront tal-konvenut Ronald Bonello in kwantu l-ebda premessa attrici ma tindika l-bazi ta' l-azzjoni fil-konfront tieghu. Il-konvenut Ronald Bonello sabiex ikun f'pozizzjoni li jiddefendi ruhu ghandu dritt ikun jaf fuq liema bazi qieghed jitqies responsabbli ghall-incident u f'dan ir-rigward hija mehtiega ghall-integrita' ta' l-atti li tali bazi tigi espressament dikjarata u specifikata mill-attur;

2. Illi preliminarjament ukoll ic-citazzjoni attrici hija nulla wkoll in kwantu tikkoncerna t-talba ghall-likwidazzjoni ta' danni futuri abbazi ta' dizabbilita' permanenti, billi imkien fic-citazzjoni attrici ma hu ndikat fiex tikkonsisti tali debilita' permanenti; il-kawzali in kwistjoni fil-fatt taghmel riferenza ghac-certifikat esebit mill-attur bhala "Dok.A" li allegatament jiddeskrivi tali debilita' permanenti, mentri c-certifikat *de quo* jghid testwalment: *"all the organs were examined and no traumatic changes were found".* Il-konvenuti sabiex ikunu f'pozizzjoni li jiddefendu ruhhom ghandhom id-dritt ikunu jafu fiex suppost li tikkonsisti tali debilita' permanenti u f'dan ir-rigward hija mehtiega ghall-

integrita' ta' l-atti li tali debilita permanenti tigi espressament dikjarata u specifikata mill-attur;

3. Illi fil-mertu l-ebda wiehed mill-konvenuti ma huwa responsabbli ghall-incident *de quo*, billi l-ebda wiehed mill-konvenuti ma kien traskurat, imprudenti jew hati ta' nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku jew b' mod iehor negligenti jew doluz.

Bir-rizerva ta' eccezzjonijiet ulterjuri, bl-ispejjes kontra l-attur u bis-sejha ta' l-attur minn issa in subizzjoni.

Rat in-nota spjegattiva ta' l-attur tat-2 ta' Awwissu 2001.

Rat illi waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2001 Dr Gauci, b'referenza ghan-nota ta' l-attur tat-2 ta' Awwissu 2001, irtira l-ewwel u it-tieni eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Bonello u Renald Bonello.

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Novembru 2001 li permezz tieghu hatret lil Dr Charles Swain bhala perit mediku biex jirrelata dwar id-dizabbilita' li qed jilmenta minnha l-attur.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' intervenuta fil-kawza Citadel Insurance plc, li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi hija ghandha interess dirett, immedjat u guridiku f'din il-kawza sabiex tipprova li ghad li giet notifikata bic-citazzjoni fl-ismijiet premessi ma jistghux jigu invokati

kontra taghha d-dispozizzjonijiet tal-kap 104 dan *stante* li l-polza ta' assikurazzjoni mahruga minnha tkopri persuni li ghandhom aktar minn 25 sena biss u ghalhekk Joseph Bonello li kien qed isuq il-karozza nvoluta fl-incident automobilistiku referit fic-citazzjoni m'huwiex kopert bil-polza ta' assikurazzjoni, *stante* li fid-data ta' l-incident kellu anqas minn 25 sena.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara tort u minhabba negligenza u traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' istess attur Joseph Zammit, filwaqt li l-konvenut Joseph Bonello m'ghandu l-ebda responsabbilita' ghall-istess incident automobilistiku.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta' Citadel Insurance plc.

Rat ir-rapport tal-espert mediku Mr Charles Swain, mahluf minnu fit-23 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia datata 29 ta' Marzu 2014 a fol 88 tal-process fejn espona :

1. <u>In linea preliminari,</u> l-azzjoni ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjenti hija preskritta a tenur ta' l-Art.2153 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. <u>Fil-mertu,</u> l-ewwel talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku *de quo* ma garax b'tort ta' l-eccipjent izda unikament bi htija tal-konvenut Joseph Bonello li kien qed isuq il-vettura Nru. EAF 068.

3. It-tieni talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun michuda billi fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur.

4. Isegwi li anke t-tielet talba ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent ghandha tkun rigettata *stante* li l-eccipjent m'ghandux ikun ikkundannat ihallas danni lill-attur.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat is-sentenza parzjali taghha tat-8 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia, bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia, datata 13 ta' Ottubru 2004 a fol 100 tal-process li permezz taghha huwa eccepixxa illi:

1. L-azzjoni ta' l-attur kif dedotta kontra l-eccipjent hija preskritta bid-dekors ta' sentejn mid-data ta' l-incident a

tenur tal-Art.2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz in ezami il-preskrizzjoni tal-azzjoni penali u ta' l-azzjoni civili ghal risarciment ta' danni hija ta' sentejn (Joseph Zammit vs Joseph Bonello (Citaz. Nru. 836/2001/GV) deciza *in parte* fit-8 ta' Ottubru 2004).

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat is-sentenza parzjali taghha tat-30 ta' Jannar 2006, li permezz taghha laqghet l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamat fil-kawza Paul Mallia u illiberatu mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li l-azzjoni kontra tieghu hija preskritta, l-ispejjez gew riservati ghad-decizjoni finali;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Gunju 2006, li permezz tieghu issostitwiet lil espert addizzjonali Dr Joe Cacciattolo b'Dr Stefan Montfort, bl-istess inkarigu;

Rat ir-rapport tal-esperti addizzjonali, mahluf minnhom waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2007;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi illi tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi minkejja illi l-partijiet inghataw zmien xieraq sabiex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet, huma naqsu milli jipprezentawhom;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Christina Calleja Mercieca ghall-attur. Il-kawza giet deciza; fejn Il-Qorti :

*"Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmiija il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Joseph Bonello u Ronald Bonello peress illi din giet irtirata minnhom, qeghda tilqa' it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Bonello u Ronald Bonello, tilqa' ukoll l-eccezzjonijiet tas-socjeta' kjamata fil-kawza Citadel Insurance plc u konsegwentement qeghda tichad it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-attur."*

Rat ir-Rikors ta' l-Appell ta' Joseph Zammit numru 836/2011 ipprezentat fil-21 ta' Marzu 2011.

Rat id-decizjoni ta' l-Appell moghtija fis-27 ta' Marzu 2015 fejn gie deciz illi:

*"Ghar-ragunijiet premessi tilqa' l-appell tal-attur, tirrevoka s-sentenza appellata, u, minflok, tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li ghall-incident mertu tal-kawza odjerna jahti unikament il-konvenut Joseph Bonello li ghandu jirrispondi ghad-danni konsegwenzjali; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra dan il-konvenut.*

*Tordna li l-inkartament odjern jigi rimiss lill-ewwel Qorti sabiex tkompli bil-prosegwiment tal-kawza u tiddeciedi l-kumplament tat-talbiet tal-attur."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta tal-10 ta' April 2015 fejn wara li rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u li permezz ta' l-istess din il-kawza giet rinvjata lura fil-Prim' Awla; il-Qorti appuntat din il-kawza ghas-smigh ghad-19 ta' Mejju 2015.

Rat il-verabl tas-seduta tat-Tlieta, 19 ta' Mejju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Simon Micallef Stafrace ghar-rikorrenti prezenti u Dr James D'Agostino ghas-socjeta' intimata u Dr Alessia Zammit Mc Keon ghall-kjamat in kawza, Paul Mallia. Billi irrizulta li sentenza tal-Qorti tal-Appell iddecidiet il-kwistjoni ta' responsabbilta' ghall-incident u ghalhekk rimanenti jirrigwarda t-tieni u t-tielet talbiet tal-attrici;

Il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dr Mariella Schembri Gonzi, sabiex tigbor il-provi relatati. Billi r-rikorrenti qal li sofra xi dizabbilita', kien mehtieg li jigi nominat espert mediku sabiex jezaminah u jirrelata dwar il-percentwali tad-dizabbilita' *o meno* ikkagunati mill-incident. Il-Qorti ghalhekk innominat lil Mr Massimo Abela, a spejjez provvizorji tal-attur, ghal dan l-iskop. Ordnat komunika lill-espert mediku u halliet l-kawza ghar-rapport tal-espert u ghall-informazzjoni dwar is-seduti li kellhom isiru, l-espert mediku gie awtorizzat jahlef ir-rapport fl-isptar jew fir-registru. Il-kawza ghalhekk giet diferita ghall-15 ta' Ottubru 2015, fid-9:30am.

Rat ir-Rikors b' Urgenza tal-Konvenuti datata 10 ta' Gunju 2015 a fol 11 tal-process fejn esponew:

1. Illi l-esponenti ghadhom mhumiex notifikati bl-avviz tar-riappuntament tas-smigh tal-kawza fl-ismijiet premessi, u saru jafu b'tali riappuntament meta l-avukat sottoskritt ircieva komunika tad-digriet tas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015; ghal kull buon fini, jaghtu ruhhom b'notifikati;

2. Illi fis-seduta msemmija, fl-assenza tal-esponenti, inghata digriet li permezz tieghu regghu infethu l-provi kollha relattivi ghall-*quantum,* u dan billi nhatret Dr Mariella Schembri Gonzi sabiex tisma' x-xhieda u lil Mr Massimo Abela bhala espert mediku;

3. Illi l-esponenti jissottomettu umilment illi dan sar bi zvista, u dan ghaliex, apparti l-kwistjoni tan-notifika ta' l-esponenti, il-provi kollha relattivi ghall-*quantum* kienu diga` ngabru quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta, inkluz li kienu diga` nhatru sija espert mediku u sija periti perizjuri li kienu pprezentaw r-rapport taghhom dwar il-grad ta' dizabilita ta' l-attur u kienu xehdu x-xhieda relattivi ghad-dhul prospettat mill-attur (Anthony Grech Sant); kjarament, l-avukati li dehru ghas-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 ma kienux f’ pozizzjoni li jinfurmaw b'dan lil dina l-Onorabbli Qorti, ghaliex ebda wiehed minnhom ma kien ippartecipa fil-kawza dak iz-zmien;

4. Illi l-esponenti jirrilevaw umilment illi l-ewwel sentenza appellata ma dahlitx fil-kwistjoni tal-*quantum* ghaliex ezonerat lill-konvenuti mir-responsabbilita`, imma l-provi kienu ngabru kollha u li ghalhekk kull ma jonqos huwa li

terga' ssir trattazzjoni finali jew li jigu skambjati noti dwar l-imsemmi *quantum;*

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti taghha tad-19 ta' Mejju 2015, inkluzi l-hatriet fuq imsemmija, u tirriappunta l-kawza sabiex tigi stradata mill-gdid jew ghall-fmali trattazzjoni, flimkien ma' kull provvediment iehor li joghgobha taghti, inkluz li, okkorrendo, tissospendi l-hatriet imsemmija sakemm tisma' lill-partijiet

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta l-24 ta' Gunju 2015 a fol 21 tal-process fejn :

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors tal-konvenuti Joseph u Ronald Bonello tal-10 ta' Gunju 2015;*

*Rat l-atti kollha tal-kawza assenjata lilha fl-10 ta' Marzu 2015;*

*Rat li r-rikorrenti odjerni Bonello ghandhom ragun meta jghidu li l-provi quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta kienu ingabru fuq it-talbiet kollha, inkluzi t-tieni u t-tielet talbiet u li kienu anke gew mahtura Espert Mediku (Mr. Charles Swain) u Periti Perizjuri;*

*Rat li r-rapporti tal-Esperti huma esebiti in atti a fol 80 u 138 rispettivament;*

*Rat li l-partijiet kienu ddikjaraw li ghalqu l-provi u l-kawza thalliet imbaghad ghas-sentenza;*

*Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha tad-19 ta' Mejju 2015 u tissospendi l-inkarigu tal-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Schembri Gonzi;*

*Tirrikjama l-kawza ghall-**<u>14 ta' Lulju 2015</u>** u tissejjah fid-9.30a.m. sabiex tisma' lid-difensuri tal-partijiet senjatament dwar jekk jixtiequx jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom finali bil-miktub jew altrimeti tigi ffissata seduta ohra ghat-trattazzjoni orali.*

*Tordna n-notifika tar-rikors u tad-Digriet lid-difensuri tal-kontroparti li jkunu jistghu ukoll jittrattaw dwaru fis-seduta li jmiss."*

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 26 ta' Novembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr James D'Agostino ghas-socjeta' intervenuta fil-kawza u Dr Gianfranco Gauci ghall-konvenut prezenti. Deher l-attur. Id-difensuri prezenti nfurmaw lill-Qorti li ma gewx notifikati bin-nota tal-atturi u inoltre l-Qorti nnotat li ma gietx ipprezentata nota in atti. Fic-cirkostanzi iddikjarat maghluqa t-terminu mghoti lill-atturi. Dr D'Agostino talab li jigi awtorizzat jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u akkordatlu

sal-31 ta' Jannar 2016 ghal dan l-iskop bin-notifika/*visto* tad-difensuri tal-kontro-parti. Dr Gauci ddikjara li huwa lest li jittratta verbalment *seduta stante*. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Gianfranco Gauci, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema elettronika. Waqt it-trattazzjoni dahal fl-Awla Dr Simon Micallef Strafrace ghall-attur. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr Simon Micallef Stafrace, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza finali in difett ostakolu ghall-25 ta' Frar 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tas-socjeta` intervenuta fil-kawza Citadel Insurance plc (C21550) datata 29 ta' Jannar 2016.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza giet rinvijata lil din il-Qorti kif attwalment presjeduta fl-10 ta' April 2015 wara perkors twil li beda fl-14 ta' Mejju 2001 billi kien hemm diversi sentenzi *in parte* fil-mori fuq xi eccezzjonijiet sollevati.

Illi f'dan il-kaz il-kwistjoni tar-responsabbilta` hija diga deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell bis-sentenza taghha moghtija fis-27 ta' Marzu 2015. Ghalhekk din il-Qorti ser tikkonsidra it-tieni u t-tielet talba tal-attur rigwardanti d-danni mitluba. Illi l-attur m'hux qed jitlob l-ebda danni rigwardanti *damnum emergens*, u ghalhekk, il-Qorti ser tikkonsidra biss danni mitluba dwar *Lucrum cessans*.

**Fatti:**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti. L-attur kien riekeb bhala passiggier fil-vettura bin-numru IAA 913 misjuqa minn Paul Mallia meta sehh incident ma' vettura ohra misjuqa minn Josph Bonello u proprjeta` ta' Ronald Bonello bin-numru EAF 068. Permezz tal-incdent l-attur sofra griehi serji u anke debilita` permanenti. Ghalhekk, ipproceda bil-kaz odjern. Kif gja premess, l-On.Qorti ta' l-Appell gja addebitat lill-intimat Ronald Bonello l-uniku tort ghall-incident u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni kkagunati.

**Provi prodotti:**

**Joseph Zammit** xehed b'affidavit (fol 29-31) fejn qal li hu kien passiggier fil-vettura meta sehh l-impatt ma' vettura ohra u l-incident in kwistjoni dakinhar tas-26 ta' Dicembru 2000. Qal li wara l-impatt ma setax johrog mill-vettura, anke peress li kellu wgiegh kbir, u kellu jinhareg mill-karozza sakemm giet l-ambulanza u ttiehed l-isptar, izda, fit-triq lejn l-isptar, hu ntilef minn sensiegh, u fil-fatt kemm dam l-isptar ghamel xahar l-ewwel fl-ITU u wara kompla jirceivi l-kura hemmhekk. Qal li llum ghadu jbati minn ugiegh, f'dahru u fi grizmejh, anke minhabba toqba li ghamlulu fejn operawh ghal xi tlett darbiet minhabba komplikazzjonijiet li rrizultaw. Spjega li qabel l-incident kien se jibda jahdem bhala *deliveryman*, fejn kien qed jaghmel diga xi prattika, izda mbaghad minhabba l-incident ma' seta' jaghmel xejn minn dak imwieghed u ppjanat.

**Anthony Grech Sant** xehed b'affidavit (fol 158) li kien jaf lill-attur, li kien talbu biex jimpjegah mal-kumpanija tieghu u kien accetta li jimpjegah b'paga ta' Lm80 fil-gimgha. Izda, qal li qabel ma kellu jibda x-xoghol, minhabba l-incident stradali in kwistjoni, fil-fatt ghamel zmien l-isptar u qatt ma hadem mieghu.

**Rapporti medici:**

B'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta, tas-16 ta' Novembru 2001 gie nominat l-espert mediku Mr. Charles Swain bhala perit mediku (fol 26) u r-rapport tieghu jinsab esebit a fol 80 *et sequitur* tal-process.

Illi l-ewwel espert mediku nominat mill-Qorti, Mr. Charles Swain ikkonkluda li l-attur sofra minn griehi ta' natura gravi, u kien biss permezz tax-xahar rikoverat fl-ITU li ssalvatlu hajtu. Hu kkonstata li l-hsara li saritlu fil-qafas ta' sidru u fil-pulmun hija permanenti, u ghalhekk, inghata persentagg ta' debilita' permanenti ta' ghoxrin fil-mija (20%).

**Rapport tal-Periti Perizjuri:**

B'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-25 ta' Frar 2005 gew nominati bhala periti addizzjonali Mr. Alex Attard, u Dr. Brendon Caruana Montaldo, u Dr. Joe Cacciatolo (fol 105) li sussegwentement gie sostitwit b'Mr. Stephen Attard permezz ta' digriet tat-28 ta' Gunju 2006 (fol 126). Ir-rapport tal-esperti medici jinsab esebit a fol 138 *et sequitur*. Mill-istorja u mill-ezami kliniku u wara t-testijiet medici li saru lill-attur, gie konstatat li l-korriment li sofra s-sur Zammit kien ilahhaq l-10 fil-mija (10%). Sabiex waslu

ghall-konkluzjoni taghhom, il-periti medici kkonsidraw il-gwidi internazzjonali dwar id-dizabbilita` permanenti.

**Konsiderazzjonijiet legali:**

**L-Artikolu 1045(1) tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li *"il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha…..hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib."*

Is-subartikolu (2) ighid li: *"Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati hsara."*

Skont il-ligi taghna, l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'zewg aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegh futur (*lucrum cessans*).

Illi tali regoli gew supplementati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard"** – A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat l-origini ghal hekk imsejha *multiplier system*, li pero` giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ecenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"** – A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-*

*ammonti qeghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu.”* Ghalhekk, il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli *o meno* rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f’ Butler vs Heard. Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw “l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi – **“Savona vs Asphar”** App. Deciz fit-23 ta’ Gunju 1952; u li “*ghandu jintuza bhala bazi wkoll f’dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta’ snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*.” (“**Emanuel Mizzi vs Carmel Attard**”:- 13.5.2003); u li “*dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta’ kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta’ probabilta`. Inoltre` d-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, meta tinghata b’sentenza m’hijiex aktar soggetta ghal ebda revizjoni. Ghalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista’ jkun mar-realta`*.” – **“Francis Sultana vs John Micallef et noe et”** – Appell deciz fl-20 ta’ Lulju 1994.

Madankollu, fil-kaz **“Paul Debono vs Malta Drydocks**” P.A. deciza fis-27 ta’ April 2015, intqal:

“*Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta’ qligh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati c-cirkostanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta’ l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti dannegjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja.”*

***Multiplier***

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta' qligh li jinghata d-dannegjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati Taghna f'dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

"*A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*."

**(Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).**

Ghalhekk gie ritenut li l-*multiplier* irid jinkorpora fih dak l-element ta' '*chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'*.

Fil-kaz "**Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace**" Appell deciz fil-5 ta' Marzu 1986) gie ribadit li :

*"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-dannegjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'."*

Il-*multiplier* gie definit kif gej:

"*In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income*." (**The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228**).

Gie stabbilit li l-mulitplier ghandu jibda jitqies minn dakinhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri** ) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

Minbarra dan il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qeghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu ifixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident[1]. Illum huwa accettat u approvat mill-oghla

[1] "**Borg pro et noe vs Muscat**" P.A. deciza fid-9 ta' Jannar 1973.

Qrati taghna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[2]

Dwar il-qies tal-*multiplier* jkun xieraq li wiehed jaghmel referenza wkoll ghal dak li hu mghallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jinghad li:

"*The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…..*" (**Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).**

**Tnaqqis minhabba *lump sum payment***

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe**." (P.A. (JSP) deciza fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:

*"Fir-rigward ghal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal 'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew*

[2] Ara "**Mary Bugeja noe et vs George Agius noe**" – App. Deciza fis-26 ta' Lulju 1991; "**Vincent Axisa vs Alfred Fenech et**" (P.A. 16 ta' April 1991); "**Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Mejju 1984.

*aktar minn tlett snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data."*

Aktar recentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irrabadiet li "*Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius vs All Services Ltd."** (P.A. TM 1809/01 deciza fit-2 ta' Gunju '05) "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza."*

Izda, gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawza, dan ghaliex "*jekk id-dannegjat ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*". (Ara "**Agius vs Fenech**" P.A. deciza fid-29 ta' Ottubru 2003, "**Sylvester Tabone vs Carmen Abela"** P.A. deciza fil-25 ta' Novembru 2013 u **"Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd**." P.A. deciza fit-12 ta' Novembru 2012).

**Applikati dawn il-principji** ghall-kaz in ezami, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet. L-ewwel li jrid jigi determinat hu l-persentagg ta' dizabbilita` li sofra l-attur. Hawnhekk, il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjoni tal-esperti medici mahtura mill-Qorti, u cjoe` l-konkluzjoni tat-tlett periti perizjuri, liema konkluzjoni giet accettata mill-partijiet u li dan ghandu jitqies komplessivament bhala 10%.

Jigi ritenut li mhux ser tigi kkunsidrata l-kwistjoni ta' tnaqqis mill-*lump sum payment*, peress li s-snin li dwarhom l-attur qed jirreklama l-kumpens diga ghaddew. Illi ghaddew erbatax-il sena mid-data tal-prezentata ta' dan il-kaz. L-abbli difensur tas-socjeta` assikurattiva ssuggerixxa tnaqqis ta' 5% izda l-Qorti ma taqbilx ma dan is-suggeriment. Ma kienx hemm dewmien imputabbli lir-rikorrent fil-perkors gudizzjarju ta' din il-kawza, fejn inghataw zewg sentenzi preliminari billi l-ewwel inghatat eccezzjoni preliminari fuq artikolu ta' preskrizzjoni inapplikabbli, li giet michuda, u sussegwentement eccezzjoni ulterjuri sollevata abbasi ta' artikolu iehor dwar preskrizzjoni tal-Kap.16.

Fir-rigward tal-*lucrum cessans*, il-Qorti kkonsidrat li mir-rapport tal-esperti medici, jirrizulta li l-attur kien ghadu qed ibati minn qtugh ta' nifs u li skont l-ezamijiet klinici li sarulu, u skont il-kalkolazzjonijiet ta' dizabbilita` permanenti gie konstatat li fil-prezent ghandu l-ammont ta' dizabbilita` msemmi hawn fuq.

Illi ghalkemm, din il-Qorti qieset il-fatti partikolari tal-kaz taht ezami, l-attur ma kienx ghadu beda jahdem qabel gara l-incident u jidher li kien hemm biss rikjesta li kellu jibda

jahdem (hekk kif jidher mid-dokument esebit a fol 32 u mix-xhieda ta' Anthony Grech Sant). Madankollu, qed jigi osservat li d-dokument a fol 32 esebit minn Grech Sant jistipula li l-attur kellu jibda jahdem fit-13 ta' Novembru 2000. Jirrizulta li l-incident li sofra l-attur sehh fis-26 ta' Dicembru 2000, u jirrizulta wkoll li l-attur kien ghadu ma bediex jahdem, ghaliex mix-xhieda ta' Anthony Grech Sant stess jirrizulta li l-attur fil-fatt qatt ma beda x-xoghol mieghu peress li l-attur kien korra fl-incident. Izda, dawn il-provi ma jidhrux li qed jinkwadraw mal-fatti kif verament graw, *stante* li l-attur ma kienx ghadu beda jahdem fl-ebda data precedenti ghall-incident u lanqas ressaq xi prova dwar l-*employment history* tieghu. Ghalhekk, din il-qorti ma tistax taccetta jew tahdem kalkoli fuq rata ta' paga li seta' kellu l-attur qabel l-incident meta fil-fatt din ma tirrizultax.

Anzi jidher li r-rikorrent lanqas kellu xi impieg. Allura din il-Qorti anke abbazi tad-diskrezzjoni li ghandha li tillikwida t-telf u l-qliegh fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, anke tenut kont tan-nuqqas tar-rikorrent li jindirizza sew dan il-punt, ser timxi fuq il-paga minima nazzjonali hawn Malta u tapplika l-ammont vigenti fis-sena tal-incident *ai fini* tal-*moltiplicand*). Il-Qorti hija ggwidata fl-applikazzjoni ta' din id-diskrezzjoni bil-konsiderazzjoni li jrid jigi meqjus ukoll hu li konsegwenza tad-danni fizici li sofra l-attur, kawza tal-incident in kwistjoni, il-potenzjal lavorattiv tieghu gie certament affettwat, billi ma setax jibda jahdem kif kien fi hsiebu jaghmel bhala *deliveryman.*

Illi fil-fatt, ma gie pprezentat l-ebda prospett ghar-rizarciment tad-danni, da parti tal-attur, kif soltu jsir f'kazijiet

bhal dawn. Inoltre, l-attur ma pproduca ebda dokument li juri r-rata u l-kategorija ta' beneficcju socjali jew ta' paga li kienet applikabbli ghalih.

Illi qed jigi kkonsidrat li l-hajja lavorattiva tar-rikorrent setghet tibda anke wara l-incident . *Nonostante* dan, din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-abbli avukat difensur tal-attur li sostna li l-*multiplier* ghandu jkun sal-hamsa u sittin sena (65) fl-assenza ta' prova li r-rikorrent kellu hajja lavorattiva kontinwa fis-snin li pprecedew l-incident.

Ghalhekk l-eta ta' wiehed u sittin (61) sena ser tigi kkonsidrata bhala l-eta` ta' irtirar applikabbli.

**Likwidazzjoni ta' danni:**

Illi l-attur twieled fl-1945 u ghalhekk fiz-zmien tal-incident kellu hamsa u hamsin (55) sena. Il-kalkoli ser isiru fuq *multiplier* ta' sitt snin sal-wiehed u sittin (61) sena.

Konsegwentement l-ammont dovut lill-attur *bhala lucrum cessans* qed jigi kkalkolat kif gej:

10% x 6 (*Multiplier*) x (kalkolu ta' paga minima nazzjonali[3]) - 0% (*Lump Sum Payment*)

**Kalkolu ta' Paga Minima Nazzjonali**

| Sena | Qligh fis-sena u kalkola ta' Rata ta' Debilita` ta' 10% |
|---|---|

[3] S.L.452.71 *National Minimum Wage National Standard Order*.

| | |
|---|---|
| 2001 | € 6,041.88 = € 604.18 |
| 2002 | € 6,223.36 = € 622.36 |
| 2003 | € 6,435.52 = € 643.52 |
| 2004 | € 6,526.52 = € 652.65 |
| 2005 | € 6,753.76 = € 675.37 |
| 2006 | € 7,010.64 = € 701.06 |

**Total = € 3,899.14**

## III KONKLUZJONI

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi u tiddisponi mit-talbiet u l-eccezzjonijiet rimanenti** billi tillikwida d-danni pagabbli lir-rikorrent konsegwenzjali ghall-incident stradali in mertu fl-ammont ta' tlett elef, tmien mija u disgha u disghin ewro u erbatax-il centezmu (€3,899.14) u tikkundanna lill-intimat Joseph Bonello ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' tlett elef, tmien mija u disgha u disghin ewro u erbatax-il centezmu (€3,899.14), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

**L-ispejjez gudizzjarji jithallsu** mill-intimat Joseph Bonello.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**25 ta' Frar 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**25 ta' Frar 2016**